# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, 31 ta' Mejju 2019**

**Numru 8**

**Appell Kostituzzjonali numru 262/2017/1 JZM**

**Mario Dingli**

***v.***

**Il-Kummissarju tal-Artijiet (illum Awtorità tal-Artijiet); l-Awtorità dwar it-Trasport (illum l-Awtorità għat-Trasport f'Malta); id-Direttur tat-Toroq; l-Avukat Ġenerali u l-Awtorità għall-Ambjent u l-Ippjanar (illum l-Awtorità tal-Ippjanar) għal kull interess li jista' jkollhom**

1. Dan huwa appell tal-attur minn sentenza mogħtija fit-30 ta' Mejju 2017 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza "ordinarja" ċivili tagħha[1].

---

[1] Sar ukoll appell mill-attur mill-istess sentenza quddiem il-Qorti tal-Appell (app. ċiv. nru. 614/2009/1).

2. Il-fatti relevanti huma dawn: L-attur kien sid ta' biċċa art li parti minnha ġiet esproprjata mill-gvern. Igħid iżda li tteħidlu kejl akbar minn kemm ġie formalment esproprjat. Għalhekk fetaħ il-kawża tal-lum u talab illi l-qorti tiffissa terminu li fih tintraddlu l-art li ttieħdet bi ksur tal-liġi, tillikwida d-danni li ġarrab talli tteħditlu l-art u tikkundanna lill-konvenuti, jew lil min minnhom jaħti, sabiex iħallsuh id-danni hekk likwidati.

3. Waqt is-smigħ tal-kawża l-attur allega illi bit-teħid tal-art inkiser ukoll id-dritt fondamentali tiegħu għat-tgawdija tal-proprjetà mħares taħt l-art. 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta ["il-Kostituzzjoni"] u l-art. 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali ("l-Ewwel Protokoll" ).

4. Madankollu, fis-sentenza tagħha tat-30 ta' Mejju 2017 li minnha sar dan l-appell l-ewwel qorti osservat illi ma kien hemm l-ebda talba f'dan is-sens fir-rikors maħluf li bih inbdiet il-kawża. Ikkonkludiet għalhekk illi l-kawża ma hijiex waħda kostituzzjonali iżda kawża ċivili msejsa fuq l-art. 321 tal-Kodiċi Ċivili[2]. Fissret din il-konklużjoni hekk:

> »… … … dan tal-lum mhuwiex proċediment kostituzzjonali.
>
> »It-talbiet huma tnejn: (i) li jiġi ffissat terminu qasir u perentorju f'liema l-intimati jew min minnhom ikunu obbligati sabiex jirrilaxxjaw il-proprjetà in kwistjoni; u (ii) li jiġu likwidati d-danni sofferti mill-esponenti u tikkundanna l-istess intimati jew min minnhom biex iħallsu tali danni likwidati lir-rikorrenti.
>
> »Il-konvenuti jinsistu illi mkien fil-premessi ma kien hemm rabta ma' ksur ta' xi jedd fondamentali tutelat bil-Kostituzzjoni jew bil-Konvenzjoni.

---

[2] **321.** Ħadd ma jista' jiġi mġiegħel jitlaq minn idejh il-proprjetà tiegħu jew iħalli li ħaddieħor jagħmel użu minnha, ħlief għal skop pubbliku, u bil-ħlas ta' indennizz ġust

»… … …

»Dan premess, din il-qorti tara li l-azzjoni attriċi hija fondata fuq il-liġi ordinarja biss, bażikament fuq l-art. 321 tal-Kap. 16 li kien invokat mill-attur stess fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu.«

5. L-attur appella kemm quddiem din il-qorti b'rikors tad-19 ta' Ġunju 2017 kif ukoll quddiem il-Qorti tal-Appell. Għall-appell quddiem din il-qorti l-Avukat Ġenerali u l-Kummissarju tal-Artijiet (illum Awtorità tal-Artijiet) wieġbu fit-30 ta' Ġunju 2017, l-Awtorità tal-Ippjanar wieġbet fit-30 ta' Ġunju 2017 u l-Awtorità għat-Trasport f'Malta wieġbet fil-11 ta' Lulju 2017. Ilkoll ressqu l-eċċezzjoni tal-irritwalità tal-appell tal-attur għax igħidu illi l-appell kellu jsir quddiem il-Qorti tal-Appell u mhux quddiem il-Qorti Kostituzzjonali.

6. Il-materja hija regolata bl-art. 34 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili:

»**34.** Ħlief meta jkun hemm provdut mod ieħor f'dan il-Kodiċi jew f'kull liġi oħra, mis-sentenzi tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili jista' jsir appell lill-Qorti tal-Appell:

»Iżda fil-każijiet fejn kawża li tkun inbdiet permezz ta' rikors ġuramentat, u fejn ebda deċiżjoni espliċita ma tkun intalbet u ngħatat dwar l-interpretazzjoni tal-Kostituzzjoni skont l-artikolu 95(2)(*d*) tal-imsemmija Kostituzzjoni[3], tkun ġiet deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili b'sentenza li fiha jkunu ġew diskussi u deċiżi punti ta' liġi dwar drittijiet fondamentali tal-bniedem jew referenzi għall-Kostituzzjoni bħala parti mill-meritu tal-kawża, il-Qorti tal-Appell għandha xorta waħda titqies li hija kompetenti u li għandha ġurisdizzjoni biex tiddeċiedi appell minn tali sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili.«

7. Il-kawża tallum inbdiet b'rikors maħluf u ma ntalbet u ma ngħatat ebda deċiżjoni dwar interpretazzjoni ta' disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni li jolqtu drittijiet fondamentali; għalhekk l-appell kellu jsir

3 »**95.** (2) … … … il-Qorti Kostituzzjonali … jkollha ġurisdizzjoni li tisma' u tiddeċidi –

»… … …

»(*d*) appelli minn deċiżjonijiet ta' xi qorti ta' ġurisdizzjoni oriġinali f'Malta fuq kwistjonijiet dwar interpretazzjoni ta' din il-Kostituzzjoni li ma jkunux dawk li jistgħu jaqgħu taħt l-artikolu 46 ta' din il-Kostituzzjoni.«

quddiem il-Qorti tal-Appell għalkemm ġew diskussi (iżda mhux deċiżi) punti ta' liġi dwar drittijiet fondamentali tal-bniedem jew referenzi għall-Kostituzzjoni bħala parti mill-meritu tal-kawża.

8. Billi għalhekk l-appell sar ħażin quddiem din il-qorti, il-qorti tgħid li ma jiswiex u ma tqisux aktar.

9. L-ispejjeż ta' dan l-appell jitħallsu mill-attur appellant.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>President | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Noel Cuschieri<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
mb